MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tat-18 ta' Mejju, 2006

Citazzjoni Numru. 304/2006

Kirton Investments Limited
vs
Entrée Limited u Ian Sammut

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**
Rat ir-rikors ta' Nicholas Grech ghan-nom u in rapprezentanza ta' Kirton Investments Limited li bih espona:

1. Illi d-dikjarant kien direttur tas-socjeta` rikorrenti u kien jinsab debitament awtorizzat sabiex jahlef din id-dikjarazzjoni guramentata;

2. Fil-31 ta' Awissu 2005 is-socjeta` rikorrenti kienet ffirmat kuntratt mas-socjeta` intimata u mal-konvenut Ian Sammut oltre ghal certu David Pollina, b'dawn it-tnejn tal-

ahhar li kienu dahlu garanti solidalment bejniethom u mal-istess socjeta` intimata ghall-obbligazzjonijiet taghha;

3. Illi skond kif indikat fil-klawzoli numri 2 u 3 tal-istess kuntratt, is-socjeta` rikorrenti kienet qed tinvesti s-somma ta’ hmistax-il elf lira (Lm15,000) fi progett tas-socjeta` intimata u sabiex tiffinanzja l-istess progett (xiri minn barra Malta ta’ 100 sistema ta’ kompjuter u 36 printers), sabiex dawn jinbieghu fuq is-suq lokali mis-socjeta` intimata;

4. Illi skond il-klawzola numru 4 tal-istess kuntratt, is-socjeta` intimata kellha l-obbligu ta’ hlas lura lis-socjeta` rikorrenti tal-ammont kollu tal-investiment li kien sar da parti tas-socjeta` rikorrenti, u wara dan il-partijiet jibdew jaqsmu s-sale proceeds tal-bejgh;

5. Illi skond il-klawzola numru 7(b) tal-istess kuntratt, f’kaz li sal-31 ta’ Jannar 2006 is-socjeta` rikorrenti ma tkunx thallset is-somma kollha ta’ hmistax-il elf lira (Lm15,000) fl-intier taghha, allura s-socjeta` intimata kien kellha l-obbligu ta’ hlas immedjat ta’ somma ekwivalenti ghal hamsin fil-mija (50%) tal-bilanc;

6. Illi sal-31 ta’ Jannar 2006, is-socjeta` rikorrenti kienet irceviet biss tlett elef liri (Lm3000) tal-investiment taghha lura, biex b’hekk minn dakinhar is-socjeta` intimata kellha l-obbligu tal-hlas favur is-socjeta` rikorrenti tas-somma ta’ sitt elef liri (Lm6000) rapprezentanti nofs tal-bilanc kapitali dovut, dan kollu oltre u minghajr pregudizzju ghall-obbligazzjonijiet kuntrattwali l-ohra tas-socjeta’ intimata mhux formanti l-fattispecie ta’ din il-vertenza;

7. Illi nonostante li b’ittra datata 21 ta’ Marzu 2006 is-socjeta` rikorrenti kienet interpellat lill-intimati u lil David Pollina, inter alia ghall-hlas dovut, l-istess intimati flimkien ma’ David Pollina kienu baqghu inadempjenti;

8. Illi qabel il-21 ta’ Marzu 2006 is-socjeta` rikorrenti kienet giet avvicinata minn David Pollina li kien ipprova jasal ghal xi soluzzjoni tas-sitwazzjoni ezistenti pero` minghajr xejn konkret; filwaqt li kienet qed tirriserva l-

jeddijiet taghha fil-konfront tieghu, is-socjeta` attrici ma kenitx qed tipprocedi gudizzjarjament kontrih f'dawn il-proceduri;

9. Illi l-ammont dovut kien dejn cert, likwidu u li ghalaq, u sa fejn jaf id-dikjarant l-intimati ma kellhomx eccezzjonijiet x'jaghtu kontra t-talba;

10. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

11. Illi l-fatti hawn dikjarati d-dikjarant kien jaf bihom kollha personalment;

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet hawn qabel premessi s-socjeta` rikorrenti talbet lill-Qorti:

(1) tikkundanna lill-istess intimati jhallsu lis-socjeta` rikorrenti s-somma ta' sitt elef liri (Lm6000);

(2) tiddeciedi skond it-talba, bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza.

Bl-ispejjez kollha, komprizi dawk tal-ittra interpellatorja datata 21 ta' Marzu 2006, u imghaxijiet mill-31 ta' Jannar 2006 sad-data tal-pagament effettiv bl-oghla rata permessa mill-ligi, ilkoll kontra l-intimati li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**B. PROVI:**

Xehed Nicholas Grech li semma li ghandu l-kariga ta' direttur ta' Kirton Investments Limited. Ikkonferma l-kontenut tar-rikors kif ukoll li Entrée Limited ghandha taghtihom il-flus imsemmija fir-rikors u li ghadu ma sar ebda hlas. Ikkonferma li Ian Sammut iggarantixxa dan l-

ammont. Qal li li hu personalment u anqas jaf li xi hadd mill-kupanija taghhom b'ebda mod ma nfurmaw lil David Pollina dwar il-kawza tal-lum. Qal li ma hadux proceduri kawtelari jew verifikatorji dwar jekk Entrée Limited ghandhiex fondi sufficjenti ghall-hlas dovut.

Xehed David Pollina li semma li hu l-uniku rapprezentant u l-uniku shareholder ta' Entrée Limited fil-prezent. Hu rcieva r-rikors ta' Kirton Investments Limited u qal li jaf bil-kontenut tieghu u anke li Entrée Limited ghandha taghti Lm6000 lil Kirton Investments Limited. Hu ma ghamel ebda hlas mid-data tal-prezentata tar-rikors minn Kirton Investments Limited. Semma c-cirkostanzi li fihom sar l-uniku ***shareholder***. Qal li l-bord huwa kompost minnu u Faith Pollina li hija l-mara tieghu. Zied li l-flus huma dovuti ghal bejgh u xiri ta' ***computers*** skond kuntratt li kien gie ffirmat mill-partijiet. Mistoqsi fejn huma dawn il-computers illum qal li ftit minnhom inbieghu u l-flus gew mghoddija lil Kirton, ohrajn qed jistennew il-bejgh u meta dawn jithallsu l-flus jghaddu lil Kirton skond ftehim, u l-ohrajn li fadal qeghdin fil-kustodja tieghu fil-fond 43, Triq Guze Ellul Mercer, Swatar, Msida li huwa l-ufficcju ta' Entrée Ltd.

Mistoqsi kif sar jaf bis-seduta rrisponda li kien jaf bir-rikors u zamm kuntatt ma' Dr. Luigi Sansone, li huwa l-konsulent legali ta' Kirton Investments Ltd. Dan qallu li kien hemm is-seduta. Zied jghid li hu ma kellux interess jidher izda Dr. Sansone qallu li jkun ahjar kieku jidher. Ra d-dokument immarkat Dokument LS u kkonferma li dan id-dokument kien iffirmat minnu xi xahar ilu fl-ufficcju ta' Dr. Sansone u kien typed minn Dr. Sansone. Hu gie moghti traduzzjoni bl-Ingliz tad-dokument in kwistjoni.

Rat il-verbal tal-lum fejn il-Qorti wara li semghet ix-xhieda u wara li rat l-atti kollha tal-kawza hasset li l-ammont hu dovut lis-socjeta` attrici u li l-kwistjonijiet bejn l-intimati huma relazzjonijiet ta' bejniethom u li ghalhekk ma kienx hemm raguni valida biex ma tipprocedix a tenur tal-art 167 ***et seq*** tal-Kap. 12.

Semghet lill-konsulenti legali tal-partijiet.

**C. KONKLUZJONIJIET:**

Illi ghalhekk peress li t-talbiet rikorrenti huma gustifikati, il-Qorti wara li rat l-art 167 ***et seq*** tal-Kap 12, u laqghet it-talba ghal dik il-procedura, u peress li t-talba fir-rikors tidher gustifikata, qed tilqa' t-talba tas-socjeta` rikorrenti u tikkundanna lill-intimati jhallsu lis-socjeta` rikorrenti s-somma ta' sitt elef liri (Lm6000), bl-ispejjez kollha, komprizi dawk tal-ittra interpellatorja datata 21 ta' Marzu 2006, u imghaxijiet mill-31 ta' Jannar 2006 sad-data tal-pagament effettiv bl-oghla rata permessa mill-ligi.

Spejjez kontra l-intimati

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------